**23 ta' Diċembru, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

L-Onorevoli Joseph Debono Grech

*versus*

Albert Mizzi *et noe et*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Impjegat – Tkeċċija – *Redundancy* – Diskriminazzjoni – Rimedju – Separazzjoni**

*Ir-rikorrent allega li s-servizz tiegħu mas-soċjetà intimata kien ġie tterminat b'diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu. L-intimati talbu li jkun hemm soprasessjoni sakemm jiġu deċiżi proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Biex tingħata s-soprasessjoni jinħtieġ li l-eżitu ta' kawża jkun jiddependi minn kawża oħra. F'dan il-każ il-mertu tal-kawża quddiem il-Prim'Awla kien isseparat u distint minn dak quddiem it-Tribunal Industrijali, għalhekk it-talba għas-soprasessjoni ma setgħetx tiġi akkolta.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Joseph Debono Grech ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Novembru, 1987, li bih, wara li ppremetta illi fis-27 ta' April, 1977 huwa ġie maħtur *Administrative Officer* tal-*Mediterranean Oilfield Services Company Limited* b'ittra hemm mehmuża (Dok. A), illi fl-24 ta' April, 1980 huwa ġie maħtur *General Manager* ta' l-imsemmija Kumpanija (Dok. B, Ċ), illi fis-16 ta' Marzu, 1981, ġie wkoll maħur Direttur ta' l-istess kumpanija (Dok. D), liema kariga ta' Direttur irriżenzja fit-2 ta' Mejju, 1983, kif laħaq Ministru (Dok. E), illi fl-istess data (2 ta' Mejju, 1983) huwa talab sabiex għall-perijodu li jkun assenti mill-kariga ta' *General Manager* minħabba l-ħatra tiegħu ta' Ministru, dan il-perijodu jiġi kkunsidrat bħala *"Special Leave without pay"* (Dok. F), illi l-Bord tad-Diretturi, wara li ħadu l-parir tas-Segretarju Amministrattiv qablu mat-talba tiegħu (Dok. G) u dan ġie kkonfermat b'ittra ddatata 12 ta' Settembru, 1983 (Dok. H), illi wara l-elezzjoni ta' l-1987 (Dok. I) wara li jkun ħa 5 (ħamest) ijiem *"paid leave"*, illi fil-15 ta' Mejju, 1987, preċiżament fil-11 ta' Mejju, 1987, huwa talab biex jerġa' lura għax-xogħol fit-18 ta' Mejju, 1987, hu ġie informat mill-Kumpanija sabiex jibda

*"on paid leave"* (Dok. J.), illi fl-20 ta' Mejju, 1987, il-konsulent legali tiegħu talab għal kjarifika dwar il-*"paid leave"*, għal liema ittra qatt ma ġiet risposta (Dok. K), illi rċieva *cheque* tal-paga mill-11 ta' Mejju, 1987 sat-30 ta' Ġunju, 1987 (Dok. L), illi fit-12 ta' Ġunju, 1987, huwa ġie infurmat mill-kumpanija li l-posizzjoni tiegħu ta' *General Manager* baqa' vakanti mit-2 ta' Mejju, 1983, li x-xogħol kien qiegħed isir minn *Managing Director* u għalhekk qalulu li s-servizzi tiegħu huma *redundant* u l-post ta' *General Manager* huwa abolit (Dok. M), illi fit-8 ta' Lulju, 1987 huwa rċieva *cheque* ieħor tal-pagi (Dok. N), illi l-kumpanija in kwistjoni hija kumpanija parastatali b'maġġoranza ta' l-ishma tal-Gvern, illi huwa kien ġie informat sa erbat ijiem qabel il-ġurnata ta' l-elezzjoni li ma kien hemm ebda tibdil fil-posizzjoni tiegħu għar-rigward l-impjieg u *status,* illi l-kumpanija intimata kienet imġiegħla biex tieħu l-azzjoni fuq indikata mill-intimati l-Onorevoli Emanuel Bonnici u l-Onorevoli Joseph Fenech jew min minnhom, illi l-azzjoni hija diskriminatorja kemm indpendentement kif ukoll meta kkomparata ma' azzjonijiet oħra, illi dawn l-azzjonijiet ta' l-intimati mmotivati politikament jikkostitwixxu diskriminazzjoni bi ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, – talab li dik il-Qorti (1) tiddikjara li l-aġir ta' l-intimati fuq deskritt konsistenti fid-dikjarazzjoni li s-servizzi tiegħu huma *"redundant"* u l-post ta' *General Manager* huwa abolit jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, partikolarment l-att huwa diskriminatorju u jikser l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ikkomparat ma' azzjonijiet oħra u anke indipendentement u konsegwentement huwa għadu fl-impieg tiegħu fuq indikat u (2) tagħti u tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tiegħu skond id-disposizzjonijiet imsemmija fl-

artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Rat ir-risposta ta' l-intimati l-Onorevoli Emanuel Bonnici, Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, u l-Onorevoli Joseph Fenech, Segretarju Parlamentari għall-Affarijiet Marittimi ppreżentata fil-11 ta' Novembru, 1987, li biha ssottomettew illi l-allegat impjieg u t-terminazzjoni tiegħu saret mill-*Mediterranean Oilfield Services Company Limited* li għandha personalità ġuridika u distinta tagħha u li għalhekk huma ġew imħarrka inutilment u għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju u illi, bla preġudizzju għas-suespost, kull ma sar sar skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Albert Mizzi u Alfonso Caruana *noe* li biha ssottomettew li (1) ir-rikorrent ġà rriferixxa t-tilwima li għandu magħhom lit-Tribunal Industrijali (Dok. F) u għalhekk bl-aġir tiegħu stess ikkonferma illi "mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur tiegħu" skond il-*proviso ta' l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni (2) barra mir-rimedju li huwa ġà invoka, ir-rikorrent, li qiegħed jallega diskriminazzjoni politika dwar l-impieg, għandu rimedju speċifiku skond l-artikoli 120(8) u (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (3) stanti dan il-Qorti hija mitluba tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kif ipprovdut fil-*proviso ta' l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u (4) fil-mertu u bla preġudizzju, ma saret ebda diskriminazzjoni politika mar-rikorrent. Il-posizzjoni tiegħu ta' *General Manager* baqgħet vakanti mit-2 ta' Mejju, 1983, u dawk il-funzjonijiet ġew kollha assorbiti fix-xogħol ta' *Managing Director* u b'hekk spiċċat kull raġuni li jinżamm il-post inutili ta' *General Manager;*

Rat ir-rikors ta' l-intimati Albert Mizzi u Alfonso Caruana *nomine* ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Novembru, 1987, li bih, wara li ppremettew (1) illi x-xiehda tar-

rikorrent ikkonfermat illi hemm pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali kontroversja ġudizzjarja fuq l-istess mertu (it-terminazzjoni ta' l-impjieg) (2) illi l-kawża quddiem dik il-Qorti u dik quddiem it-Tribunal Industrijali jistgħu jispiċċaw it-tnejn b'kundanna tagħhom għall-ħlas ta' kumpens għat-terminazzjoni ta' l-impjieg (3) illi dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ikunu t-tnejn esegwibblli bħala titolu esekuttiv kontra tagħhom (4) illi huwa anti-ġuridiku li huma jirrispondu darbtejn għall-istess fatti u jiġu kkundannati darbtejn għall-ħlas ta' kumpens minn żewġ tribunali diversi u (5) illi għalhekk huwa neċessarju illi ma jkomplux iż-żewġ proċeduri kontra tagħhom konkorrentement, – talbu li dik il-Qorti tiddekreta s-soprasessjoni ta' din il-kawża sakemm tiġi deċiża finalment il-pretensjoni tar-rikorrent quddiem it-Tribunal Industrijali;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Novembru, 1987, li biha dik il-Qorti ċaħdet it-talba kkontenuta fl-imsemmi rikors, spejjeż riservati, u dana wara li kkunsidrat li:

Il-Kostituzzjoni tagħti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġurisdizzjoni unika fi kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem; tant li jekk xi kwistjoni f'dawk il-materji tqum quddiem xi Qorti oħra, dik il-Qorti għandha tirreferi l-kwistjoni għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti (artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni);

Jekk Qorti oħra jkollha tagħmel dan, Tribunal Amministrattiv, bħal ma hu t-tribunal industrijali, le? U din il-Qorti għandha hi tagħmel il-wisgħa għalih?

Din il-Qorti għandha tkun ġeluża għall-eżerċizzju ta' dan id-dmir u ma għandhiex tastjeni u tabdika favur xi Qorti oħra,

aħseb u ara favur tribunal amministrattiv. Terġa' r-rimedji kkontemplati f'dan ir-rikors imorru iktar 'il bogħod mir-rimedji li jista' jipprovdi t-Tribunal Industrijali, apparti kollox, in vista tal-problema tar-*reinstatement* (kif jaqblu l-partijiet);

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimat Albert Mizzi u Alfonso Caruana *nomine* ppreżentat fl-24 ta' Novembru, 1987, li bih għar-raġunijiet hemm sottomessi talbu li prevja r-riġett ta' l-opposizzjoni tar-rikorrent, din il-Qorti tirrevoka d-digriet fuq imsemmi ta' l-20 ta' Novembru, 1987, billi tilqa' t-talba għas-soprasessjoni kkontenuta fir-rikors fuq imsemmi tat-18 ta' Novembru, 1987 – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-Onorevoli Joseph Debono Grech tat-30 ta' Novembru, 1987;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni li għandha tiġi dedotta mill-Qorti hija jekk għandhiex tiġi milqugħa jew le talba għal soprasessjoni sakemm tiġi finalment deċiża l-pretensjoni tar-rikorrent quddiem it-Tribunal Industrijali. L-ewwel Qorti, b'deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Novembru, 1987, kienet ċaħdet din it-talba. L-imsemmija intimati appellati *nomine* issa qegħdin jappellaw minn din id-deċiżjoni;

Il-Qorti tara li jkun utili li qabel xejn jiġu stabbiliti l-prinċipji

legali li għandhom jiggwidawha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Jidher minn eżami tal-ġurisprudenza in materja li almenu sa minn kważi mija u tletin sena 'l hawn hu ammess fil-ġurisprudenza li tiġi dekretata s-soprasessjoni meta din tkun spedjenti (App. Mifsud *utrinque*, 25 ta' Mejju, 1859: Rizzo *vs* Scicluna, App. 23 ta' Ġunju, 1869; Merewether *vs* Sharpe, Prim'Awla 27 ta' Mejju, 1903; Bugeja Bonnici *vs* Pullicino, 21 ta' Mejju, 1935, Prim'Awla, iċċitati b'approvazzjoni fil-kawża Francesco Galea *vs* Pawlu Galea, 23 ta' April, 1955 (Kollez. Dec.Vol. XXXIX.I.467). Ġie ritenut ukoll li s-soprasessjoni hija indikata f'dawk il-każijiet meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnha tiddependi neċessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawża li tiġi soprasseduta sa din is-soluzzjoni (Kollez. Dec. Vol. XLVI.II.591). Is-soprasessjoni mbagħad m'għandhiex tingħata jekk il-parti l-oħra tkun se ssofri preġudizzju b'dik is-soprasessjoni (Kollez. Dec. Vol. XLII.I.73). Is-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li għalih il-Qorti għandha tirrikorri biss meta jkun meħtieġ fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja (Kollez. Dec. Vol. XLI.I.507). Is-soprasessjoni hija provvediment ordinatorju rimess għad-diskrezzjoni tal-ġudikant skond iċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull każ (Ara deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell ippresjeduta minn Sir Antonio Micallef fil-kawża "German *vs* Scicluna, 23 ta' Ġunju, 1869 (Kollez. Dec. Vol. V. paġ. 157);

Ikkunsidrat:

Fil-kawża preżenti r-rikorrent appellat qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-aġir ta' l-intimati appellanti *nomine* konsistenti fid-dikjarazzjoni li s-servizzi tiegħu huma "*redundant*" u l-post ta' *General Manager* huwa abolit jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem billi

hu att diskriminatorju u jikser l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u li għalhekk għadu fl-impjieg tiegħu ta' *General Manager* qiegħed jitlob li l-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi u toħroġ dawk l-atti li jidħrilha xierqa. Jidher ukoll minn eżami tal-proċess u b'mod partikolari mill-ittra tas-16 ta' Ottubru, 1987, tas-Segretarju tat-Tribunal Industrijali illi l-Ministru tal-Politika Soċjali rrifera l-każ dwar it-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg sabiex jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali u li aktar tard kellha tingħata l-ġurnata u l-ħin ta' l-ewwel seduta. Kif jidher ukoll mill-verbal tas-seduta tat-22 ta' Diċembru, 1987 il-partijiet jaqblu li in segwitu għall-imsemmija ittra ma ġiet innotifikata lill-partijiet ebda seduta;

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad mill-ewwel illi fil-fehma tal-Qorti hija rrilevanti r-riferenza li saret għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni li jagħti s-setgħa lill-ewwel Qorti f'azzjoni Kostituzzjonali bħal dik preżenti li tirrifjuta li tieħu konjizzjoni ta' l-azzjoni f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegati huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li teżerċita l-azzjoni skond xi liġi oħra. Dik id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni qiegħda tikkontempla r-rifjut ta' l-ewwel Qorti li tieħu konjizzjoni tal-kawża b'mod li l-Qorti qatt ma tieħu konjizzjoni tagħha mentri fil-każ ta' sopresessjoni (li huwa l-każ preżenti) ikun hemm biss, għal raġunijiet ta' spedjenza, is-soprasessjoni temporanja tal-Qorti li tieħu konjizzjoni tal-każ b'dan li meta tispiċċa r-raġuni għas-soprasessjoni, il-Qorti, li tkun issoprassjediet, tkompli tieħu konjizzjoni tal-każ;

Għalhekk f'każ bħal dak preżenti l-Qorti għandha tiġi ggwidata unikament bil-prinċipji fuq imsemmija stabbiliti mill-

ġurisprudenza għall-finijiet tas-soprasessjoni;

Issa meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti l-Qorti *ma tarax li tista' tgħid li jkun spedjenti li tissoprassjedi* fil-kawża preżenti sakemm tiġi deċiża l-kawża l-oħra quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-kontinwazzjoni tal-kawża preżenti ma tiddependix *mis-soluzzjoni ta'* xi *punt* fil-kawża l-oħra billi l-bażi ta' l-azzjoni fiż-żewġ kawżi hija kompletament differenti. Fil-każ preżenti l-bażi ta' l-azzjoni hija l-allegata diskriminazzjoni da parti ta' l-intimati appellanti *nomine* kontra r-rikorrent appellat u għalhekk vjolazzjoni ta' wieħed mid-drittijiet fundamentali protetti mill-Kostituzzjoni mentri fil-kawża l-oħra l-bażi ta' l-azzjoni hija l-allegata tkeċċija tiegħu inġusta skond liġi partikolari tal-pajjiż. Il-kawża preżenti tista' tipproċedi indipendentement mill-kawża l-oħra u għalhekk ma jistax jingħad li hemm xi raġuni ta' spedjenza sabiex tingħata s-soprasessjoni;

Mhux hekk biss, imma kieku l-Qorti kellha taċċetta t-talba ta' *l-intimati appellanti nomine* biex il-Qorti tissoprassjedi fil-kawża preżenti, dan kien ikun ta' preġudizzju serju għar-rikorrent appellat. Kif jidher minn eżami tad-disposizzjonijiet relattivi għal azzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali, dan it-Tribunal għandu fil-għoti ta' kull sentenza jew deċiżjoni tiegħu jqis il-politika soċjali tal-Gvern ibbażata fuq prinċipji ta' ġustizzja soċjali u l-ħtiġijiet ta' kull pjan nazzjonali ta' żvilupp u politika ekonomika oħra tal-Gvern li jkunu qed jiġu mwettqa u għandu jara li jiġi żgurat li s-sentenza jew deċiżjoni jgħinu t-twettiq ta' kull politika u pjani bħal dawk (artikolu 32(1) ). Dawn il-limitazzjonijiet ċertament ma jeżistux fil-kawża kostituzzjonali preżenti fejn il-Qorti tiddeċidi l-każ a bażi biss tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni relattivi għad-diskriminazzjoni mingħajr ma tħares lejn ebda konsiderazzjoni oħra;

Hemm preġudizzju ieħor għar-rikorrent appellat li joħroġ mill-imsemmi Att ta' l-1976. Għalkemm it-Tribunal, meta fuq ilment ta' tkeċċija inġusta jsib li r-raġunijiet ta' l-ilment ikunu bbażati tajjeb u jidhirlu li jkun prattikabbli u skond l-ekwità li min jagħmel l-ilment jerġa' jidħol fl-impjieg tiegħu jew jerġa' jiġi impjegat mill-prinċipal, għandu jagħmel ordni f'dak is-sens, it-Tribunal ma jistax jagħmel tali ordni meta min jagħmel l-ilment ikun nimpjegat f'kariga amministrattiva jew esekuttiva li teħtieġ fiduċja speċjali fil-persuna tad-detentur ta' dik il-kariga jew fil-ħila tiegħu li jaqdi d-dmirijiet tagħha (art. 33(1) ). Dawn il-limitazzjonijiet ma jeżistux fil-kawża kostituzzjonali preżenti fejn il-Qorti tista', skond il-Kostituzzjoni, jekk ikun il-każ, tagħti kull rimedju biex tissalvagwarda d-dritt kostituzzjonali kontra d-diskriminazzjoni;

Għalhekk anke minn dan l-aspett – ċjoè l-preġudizzju li jista' jiġi kkaġonat lir-rikorrent appellat – ma hemmx lok skond il-ġurisprudenza fuq iċċitata għall-għoti tas-soprasessjoni;

Lanqas ma tista' l-Qorti taċċetta s-sottomissjoni ta' l-intimati appellanti *nomine* li jekk ma jkunx hemm is-soprasessjoni, huma jkunu qed jiġu assoġġettati għal żewġ proċessi separati u indipendenti li jistgħu t-tnejn jispiċċaw f'kundanna ta' ħlas ta' kumpens għal telf ta' impjieg. Kif jirriżulta mill-proċess għalkemm ir-rikorrent appellat kellu jiġi avżat meta jibdew is-seduti quddiem it-Tribunal Industrijali, dana għadu ma sarx. Dan huwa wieħed mill-fattispeċje tal-każ preżenti li ma jistax jiġi injorat mill-Qorti. Inoltre però anke jekk jiġri li t-Tribunal Industrijali jiffissa seduta, ma tistax tiġi injorata ċ-ċirkostanza ta' l-allegata diskriminazzjoni fil-kawża preżenti li neċessarjament tinċidi fuq l-aspett ta' l-inġustizzja o meno tat-terminazzjoni ta' l-impjieg u allura ikun jispetta lil dak it-Tribunal li jissoprassjedi

pendenti l-eżitu tal-kawża preżenti kostituzzjonali. Dan *jirrispondi wkoll għal* dak li ssottometta l-abili difensur ta' l-intimati appellanti *nomine*. Jista' jiżdied li hu inkonċepibbli li jekk ikun hemm sentenza kostituzzjonali għall-ħlas ta' kumpens illi t-Tribunal Industrijali jinjora dik is-sentenza;

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-intimati appellanti *nomine*. *Il-Qorti tordna li l-proċess jintbagħat* lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.